# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DIGRIET

**Kaz/ Numru 3145 /JHP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn**

**William George Brydon u**

**Dennis Filigree Work Company Limited**

**Illum l-Erbgha 21 ta' Mejju 2014**

1. **Dahla**

Nhar il-Erbgha 12 ta' Marzu 2014, waqt is-smiegh tax-xhieda minn naha tal-kumpanija intimata meta kien qieghed jixhed is-Sur Ray Vella awditur tal-kumpanija, l-Avukat Dr. Abigail Critien ghamlet oggezzjoni rigward dan ix-xhud peress li ma kienx fil-lista tax-xhieda, kif ukoll ordnat l-isfilz tad-depozizzjoni li ta l-istess Ray Vella.

**2 Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

2.1 Ha inkunsiderazzjoni tal-verbali taz zewg partijiet kif indikati fix-xhieda ta' l-istess seduta ta' l-Erbgha 12 ta' Marzu 2014.

2.2 Iddecieda kif jidher hawn taht.

**3 Digriet:**

Skond Art 78 sub artitklu (3) tal KAP 452 it-Tribunal ghandu il-poteri legali li jaddotta l-proceduri tieghu sakemm dawn ma' jmorrux lill hinn mill-gustizzja naturali. Huwa ghalhekk importanti li l-fatti kollha jigu a konjizzjoni tieghu biex ikun jista jaghti gudizzju shih, gust u transparenti.

It-Tribunal ghalhekk filwaqt f'dan l-istadju ser jissospendi ix-xhieda tas- Sur Ray Vella, ihossu liberu li jekk fi stadju ulterjuri jara il-bzonn tax-xhieda ta' l-istess xhud dan jigi mitlub jaghmel dan mill-istess Tribunal.

Sadanittant is-smiegh tal-kaz ghandu jkompli

James Pearsall
Chairman